# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgħa u Sittin (69)**

**23 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija fl-ufficcju amministrattiv fi Triq it-Tigrija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku
Stefan Bajada – Viċi Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier
Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

*n/a*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgha.

Fil-bidu tal-laqgha, is-Sindku ta merhba lill-Kunsillier Victor Zammit li gie elett f'elezzjoni kazwali li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023 wara r-rizenja tal-Kunsillier Dr. Christian Zammit.

**69.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

69.1.1 Ma gewx ipprezentati ittri ta' apologija mill-Kunsilliera ghal din il-laqgha.

**69.2** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-21 ta' April 2023**

69.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 67 li saret nhar il-Gimgha 21 ta' April 2023 b'mod virtwali.

**69.3** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha b'urgenza tal-5 ta' Mejju 2023**

69.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgha b'urgenza tal-Kunsill li saret nhar il-Gimgha 5 ta' Mejju 2023 fl-ufficcju amministrattiv.

**69.4** **Approvazzjoni tal-*audited financial statements* ghas-sena 2022**

69.4.1 Il-Kunsill approva unanimament l-*audited financial statements* ghas-sena 2022 kif preparati mill-*accountant* tal-Kunsill u verifikati wara process ta' *audit* li sar f'Marzu u April 2022 mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika.

**69.5 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

69.5.1 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li matul il-gimgha li gejja, ser jinghata bidu ghax-xoghol tat-twaqqiegh tal-bini tal-Kunsill Lokali fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru sabiex isir il-progett ta' Centru Civiku gdid ghal-lokalita' taghna, liema progett ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru ghal Ghawdex.

Is-Sindku qal li matul dawn l-ahhar gimghat saret ir-rilokazzjoni tal-ufficcju lejn Triq it-Tigrija (biswit il-librerija pubblika) u fil-jiem li gejjin ser jigu sottomessi l-garanziji bankarji necessarji lill-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA).

Is-Sindku Aaron Agius informa wkoll lill-Kunsill li x-xoghol ta' rikostruzzjoni fuq parti minn Triq Marga beda wkoll fil-gimghat li ghaddew u miexi b'ritmu tajjeb hafna. Huwa qal li matul il-kors tax-xoghol, inqala' intopp zghir minhabba li l-kuntrattur laqat pajp importanti li kien jissupplixxi l-ilma lil diversi ghelieqi fl-inhawi pero', taht is-supervizjoni tal-Perit Edward Scerri, din il-kwistjoni giet rizolta b'mod immedjat.

Is-Sindku qed jittama li x-xoghol kollu fuq din it-triq jitlesta sa nofs ix-xahar ta' Gunju sabiex din it-triq tkun tista' terga' tinfetah b'mod normali ghall-pubbliku qabel l-istagun tas-sajf.

69.5.2 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023 giet ippubblikata b'mod elettroniku s-sejha ghall-offerti pubblici ghax-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Ta' Karkar u tal-*junction* bejn Triq l-Ghejun u Triq Mannar. Ix-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Ta' Karkar ser ikun iffinazjat mill-Ministeru ghal Ghawdex filwaqt li x-xoghol ta' *resurfacing* tal-*junction* bejn Triq l-Ghejun u Triq Mannar ser ikun iffinanzjat mill-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-Kunsill.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandu jinhatar bord ta' aggudikazzjoni li jevalwa l-offerti li ser jigu sottomessi, liema bord ikun iffurmat minn Dr. Kevin Cutajar LLD bhala *chairman*, il-Perita Mariella Xuereb, l-*accountant* Anthony Farrugia u l-

Perit Loui Portelli bhala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-bord.

69.5.3 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li ninsabu ghaddejjin bil-preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li ser isir nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023 fi Pjazza Il-Vitorja.

Is-Sindku qal li s-Sur Quinton Scerri ta' *NGRY Concepts* qed jahdem fuq il-logistika kollha marbuta mal-organizazzjoni ta' dan il-festival li ser isir bl-istess *format* tas-snin precedenti.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li matul il-gimgha li gejja ser issir laqgha mas-Sur Quinton Scerri sabiex inkomplu nippreparaw ghal din l-attivita'.

69.5.4 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li hija x-xewqa tieghu li l-Kunsill Lokali jorganizza programm ta' attivitajiet edukattivi immirati ghat-tfal matul ix-xhur tas-Sajf.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandna norganizzaw kors fil-lingwi tat-Taljan, Franciz, Germaniz u Spanjol ghall-adoloxxenti Xaghrin u anke kors baziku ta' *first aid* ghar-residenti.

69.5.5 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li matul dawn l-ahhar gimghat inqalghet kwistjoni rigward il-haddiem tal-CWSEF li huwa assenjat maghna fl-ufficcju amministrattiv. Din il-kwistjoni nqalghet minhabba l-fatt li dan il-haddiem mhux jaccetta li jaghmel xoghol li huwa differenti minn dak ta' *assistant clerk* kif inhu imnizzel ma' din il-Fondazzjoni.

Is-Sindku qal li din il-materja qed tohloq tensjoni bla bzonn fost il-haddiema klerikali tal-ufficcju amministrattiv tant li f'gurnata minnhom kellu jissejjah is-Sur Victor Xerri li huwa s-*supervisor* ta' dawn il-haddiema sabiex jikkalma s-sitwazzjoni.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-haddiem ghandu jigi trasferit b'effett immedjat.

69.5.6 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna nitolbu stima lill-kuntrattur Richard Cauchi ghax-xoghol ta' installazzjoni ta' *uplighters* madwar il-Pjazza. Dan sabiex inkunu nistghu napplikaw ghall-finanzjament mid-*Development Planning Fund* ghal dan il-progett.

Is-Sindku innota wkoll li, minkejja li kienet inharget sejha pubblika fis-sena 2017/2018 sabiex isir ix-xoghol ta' tnehhija tal-*wires* tad-dawl minn mal-faccati tad-djar fi Pjazza Il-Vitorja, dan ix-xoghol baqa' qatt ma sar. Victor Curmi qal li d-demarcation boxes ghandhom jigu maqsuma min-nofs u jsir bank fuqhom biex in-nies joqoghdu bilqieghda hemmhekk.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku qabel li ghandna nitolbu lill-kuntrattur Richard Cauchi li kien rebah din l-offerta pubblika sabiex jivverifika jekk kienx hemm xi differenza mill-ammont kwotat f'dik is-sejha pubblika.

69.5.7 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandhom jigu installati *SLOW signs* fi Pjazza Il-Vitorja. Dan sabiex ikun hemm indikazzjoni cara ghas-sewwieqa biex inaqqsu l-velocita' taghhom qabel jidhlu fil-pjazza ewlenija tal-lokalita' taghna.

69.5.8 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li l-kuntrattur responsabbli mill-gbir tal-iskart domestiku fil-lokalita' taghna infurmah li l-gbir tal-iskart matul ix-xhur tas-Sajf ser jibda jsir mis-7.00am 'il quddiem. Dan sabiex tigi evitata s-shana qalila tas-Sajf ghall-kolletturi tal-iskart.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li ghandu jinhareg avviz mal-Bullettin tal-Parrocca sabiex ir-residenti taghna jkunu nfurmati b'dan it-tibdil.

69.5.9 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-*playhouse* li kienet inqalghet mill-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru sabiex sar ix-xoghol ta' rinnovazzjoni fl-istess *playing field* ghandha tigi rilokata ghall-*belvedere* l-kbir fi Triq Ta' Gajdoru. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir bazi tas-siment ghal din l-istess *playhouse*.

69.5.10 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li matul il-jiem li ghaddew sar ix-xoghol ta' tindif necessarju fil-gnien pubbliku faccata tal-Mithna Ta' Kola. Huwa semma l-istat hazin tal-*fence* li jinsab fin-naha ta' wara tat-

Tempji tal-Ggantija fi Triq Parisot u l-Kunsill qabel li ghandna nigbdu l-attenzjoni ta' *Heritage Malta* dwar dan.

69.5.11 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna naghmlu progett ta' tisbieh fil-belvedere ta' Triq l-Ghejun. Fid-dawl ta' dan, ser tintalab stima minghand il-Perit Johann Camilleri ghal dan ix-xoghol.

69.5.12 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li l-problema tad-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola primarja tax-Xaghra ghadha ma ssolvietx minkejja diversi tentattivi li saru fil-passat. Huwa ghamel riferenza ghal laqgha li saret mal-Pulizija tal-Komunita' rigward din il-problema u qal li gie infurmat mill-Pulizija li l-obbligu tal-gheluq tat-triq huwa dejjem tal-Kunsill Lokali rispettiv.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghannda ninfurmaw lill-Principal Sean Zammit rigward il-possibilita' li jinbeda l-process ta' devoluzzjoni tal-parti ta' wara tal-iskola primarja tax-Xaghra. Dan sabiex tigi evitata l-problema tat-traffiku ghat-tfal tal-iskola.

**69.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

69.7.1 Il-Vici Sindku Stefan Bajada staqsa dwar jekk il-Kunsill Lokali tax-Xaghra kienx konsultat dwar l-iskema tat-thaddir fil-lokalitajiet imedija minn Project Green. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din il-materja giet diskussa f'laqgha tar-Regjun Ghawdex fi Frar li ghadda.

69.7.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq ix-xoghol tat-tindif tal-ispiera li hemm fi Pjazza Il-Vitorja. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li dan ix-xoghol ser jitkompla fix-xhur li gejjin.

69.7.3 Il-Kunsillier Victor Curmi gibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-fjuri li qed jithawlu fil-planters ta' Pjazza Il-Vitorja. Dan peress li dawn qed ikollhom hafna *pollen* u jikkawzaw l-allergiji. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li ser nitkellmu mal-kuntrattur responsabbli minn dan ix-xoghol.

69.7.4 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa dwar il-possibilita' li naghmlu xi haga bhala Kunsill sabiex jitnaqqas l-ammont ta' residenti li jghaddu jimxu minn fuq ic-cint fi Triq il-Qacca. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li ser titwessa' l-bankina fil-belvedere ta' Triq il-Qacca sabiex tkun mitigate din il-problema.

69.7.5 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa dwar jekk hux ser jitwaqqaf is-servizz tat-trasport pubbliku li jwassal l-adoloxxenti Xaghrin lejn l-iskola sekondarja. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li din il-materja ma taqax fil-kompetenza tal-Kunsill pero' hija responsabbilita' tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

69.7.6 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li nergghu nirriattivaw il-ftehim ta' hbiberija li l-Kunsill Lokali taghna ghandu mal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq. Il-Kunsill qabel li ghandna nergghu naghmlu tentattiv iehor f'dan ir-rigward.

**69.8 Qari tal-Korrispondenza**

69.8.1 Ittra minghand Louis Bigeni ghan-nom tal-Ghaqda tal-Armar 2 ta' Settembru 1973 li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fix-xoghol ta' restawr u progetti ohra b'rabta mal-festi specjali tal-50 Sena Inkurunazzjoni mill-istatwa titulari ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas l-ispejjez ta' € 1500 relatati mat-toqob tal-arbli l-godda. Fir-rigward ta' talbiet ohrajn relatati mal-festa ta' Marija Bambina, il-Kunsill iddecieda li tali talbiet ghandhom jitressqu permezz tal-Kumitat Centrali tal-Festa ippresedut mill-Arcipriet tal-Parrocca.

69.8.2 E-mail minghand Maria Anna Farrugia, rapprezentanta tad-Dipartiment tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra bil-programm ta' attivitajiet 'Mid week Summer Vibes' li ser isir fil-Pjazza tax-Xaghra matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2023.

Il-Kunsill qabel li dawn l-attivitajiet ghandhom jitressqu ghad-diskussjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

69.8.3 Cirkulari numru 10/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva biex fir-Rebbiegha ma jsirx qtugh ta' haxix selvagg'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.4 Cirkulari numru 032/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Invitation: Training on how to fight disinformation 10th & 11th May 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.5 Cirkulari numru 031/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tnedija tad-dokument Parking Management Sustainable Mobility 31/05/2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.6 E-mail mill-ERA b'informazzjoni dwar laqghat informattivi mtella' mill-Awtorita' rigward l-obbligi u l-proceduri tal-consignment permits u consignment notes. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.7 Cirkulari numru 11/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Tnedija tal-Vizjoni Strategika Nazzjonali tal-Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.8 Cirkulari numru 033/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'CEMR Expert Groups Workshops – Capacity Building'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.9 Cirkulari numru 034/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'PV Battery Project'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.10 Cirkulari numru 035/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tabelli bil-Malti'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.11 E-mail minghand Ritianne Borg, rapprezentanta tal-Care Malta Group, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali bl-award 'Nazzareno Vassallo' ghas-sena 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.12 Cirkulari numru 036/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'MCCAA Events Enquiry'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.13 E-mail minghand Sylvie Derrien, rapprezentanta tal-Kumitat tal-Gemellaggi ta' Chevaigne fi Franza, li fiha qed tistieden delegazzjoni ta' ghaxar persuni mix-Xaghra sabiex jattendu ghal attivita' fi Franza bejn it-23 u s-26 ta' Gunju 2023. Il-Kunsill qabel li ghandna nohorgu avviz ghar-residenti interessati.

69.8.14 Cirkulari numru 037/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Youth In Cities Dialogue – 11th May 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.15 E-mail minghnad Lorella Gatt, *professional officer* fic-Children's Hub, li fiha qed tinforma lill-Kunsill b'focus group dwar it-tfal. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.16 E-mail minghand Thomas Xerri li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jibdel is-sigar ta' Guda fil-Pjazza f'sigar taz-zebbug sabiex ikunu jifilhu aktar.

Is-Sindku Aaron Agius astenjan minhabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel li ghandna ngibu tliet kwotazzjonijiet ghas-sigar ta' Guda. Rigward il-fjuri li qed jithawlu fil-*planters*, il-Kunsillier Victor Curmi issuggerixxa li jithawlu *roses* sabiex nevitaw l-allergiji.

69.8.17 E-mail minghand Josette Cremona mill-Ufficcju tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex b'informazzjoni dwar l-attivita' tas-Sette Giugno fix-Xaghra li ser issir nhar l-Erbgha 7 ta' Gunju 2023 mis-6.30pm 'il quddiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.18 E-mail minghand Robert Muscat, President tal-Island Car Club, li fiha qed jitlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex issir edizzjoni ohra tal-*Hill Climb* fix-Xaghra nhar il-Hadd 11 ta' Gunju 2023.

Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti din in-*no objection* bil-kundizzjoni li din l-attivita' tkun koperta bil-permessi kollha minghand l-awtoritajiet

kompetenti. Peress li dakinhar ser ikun hawn il-Purcissjoni tal-Korpus fil-lokalita' taghna, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sur Muscat sabiex jikkunsidra li jipposponi d-data tal-attivita' b'gimgha 'l quddiem.

69.8.19 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar il-Programm ta' Attivitajiet li jfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.20 E-mail minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar li fiha qed titlob il-*feedback* tal-Kunsill dwar il-proposta li s-*speed limits* fi Triq Gnien Imrik jitnizzlu ghal 20 km/hr minflok 60 km/hr. Il-Kunsill accetta din il-proposta.

69.8.21 Cirkulari numru 038/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Compensation Scheme – Dipartiment tal-Kuntratti'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.22 E-mail minghand l-Ispettur Gabria Gatt li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex japplika ghall-Iskema ta' Finanzjament 'Komunitajiet Aktar Siguri' bil-ghan li jigu nstallati numru ta' CCTVs fil-lokalita' taghna. L-applikazzjoni taghlaq nhar il-Gimgha 28 ta' Lulju 2023.

Il-Kunsill qabel fil-principju ma' din l-iskema u ser nitolbu lill-Ispettur Gatt sabiex tindika s-siti fil-lokalita' taghna fejn il-Pulizija qed jipproponu li jigu installati dawn il-kameras ta' sigurta'.

69.8.23 E-mail minghand Gerlene Camilleri, Segretarja Privata tal-Onor. Alison Zerafa Civelli, li fiha qed titlob lill-Kunsilli Lokali Maltin u Ghawdxin sabiex jidentifikaw sit fil-lokalita' taghhom fejn tista' tithawwel sigra kommemorattiva matul ix-xahar ta' Ottubru li gej bil-ghan li tfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel li din is-sigra ghandha tithawwel fil-belvedere ta' Triq Marsalforn.

69.8.24 Cirkulari numru 040/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'UEFA U19 championship Malta – Invit ghar-Regjuni'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.25 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar it-tnedija tal-*Mediterranean Capitals of Culture's initiative*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.26 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed tintalab informazzjoni dwar progetti mwettqa mill-Kunsilli Lokali mis-sena 2019 sal-lum. Il-Kunsill innota li din l-informazzjoni ser tinghata mis-Segretarju Ezekuttiv.

69.8.27 Ittra minghand il-Perit Alex Bigeni li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jaghti l-*clearance* bil-ghan li tigi rilaxxata garanzija bankarja relatata ma' xoghol li sar quddiem ir-residenza 'Sunflower', Triq Liberat Grech, Xaghra Ghawdex skont il-permess numru PA/05560/21. Il-Kunsill accetta din it-talba.

69.8.28 Ittra minghand il-Perit Alex Bigeni li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jaghti l-*clearance* bil-ghan li tigi rilaxxata garanzija bankarja relatata ma' xoghol li sar fi Triq Liberat Grech, Xaghra Ghawdex skont il-permess numru PA/05850/18. Il-Kunsill accetta din it-talba.

69.8.29 Ittra minghand il-Perit Alex Bigeni li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jaghti l-*clearance* bil-ghan li tigi rilaxxata garanzija bankarja relatata ma' xoghol li sar fi Triq Marsalforn (Dahla ta' Nenus), Xaghra Ghawdex skont il-permess numru PA/03869/19. Il-Kunsill accetta din it-talba.

69.8.30 Ittra minghand il-Perit Alex Bigeni li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jaghti l-*clearance* bil-ghan li tigi rilaxxata garanzija bankarja relatata ma' xoghol li sar quddiem Pergola Court, Triq Marsalforn, Xaghra Ghawdex skont il-permess numru PA/05295/20. Il-Kunsill accetta din it-talba.

69.8.31 Ittra minghand il-Perit Alex Bigeni li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jaghti l-*clearance* bil-ghan li tigi rilaxxata garanzija bankarja relatata ma' xoghol li sar fi Triq Marsalforn, Xaghra Ghawdex skont il-permess numru PA/09861/19. Il-Kunsill accetta din it-talba.

69.8.32 Ittra minghand Dr. Jonathan Mintoff ghan-nom tal-koppja Attard u l-koppja Tabone ta' Triq Marija Bambina, Xaghra Ghawdex, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jiehu dawk ir-rimedji kollha li

tippermettilu l-Ligi sabiex ma jippermettix l-izvilupp approvat bin-numru PA/2108/19 u PA/8765/20 minhabba li skont hu, dan l-izvilupp ser ihalli mpatti rrimedjabbli.

Il-Kunsill ikkonferma d-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-21 ta' April 2023 u qabel unanimament li ghandu joggezzjona ghall-permess b'numru ta' riferenza PA/8765/20.

69.8.33 E-mail minghand Pierre Agius ghan-nom ta' Malta *Production Hub Limited* li fiha jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jaghti n-*no objection* tieghu ghal numru ta' *filming sessions* fi Triq l-Ghejun, Xaghra Ghawdex, bejn l-14 ta' Mejju u l-10 ta' Gunju 2023 u bejn it-28 ta' Awwissu u s-7 ta' Ottubru 2023.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal dawn is-sessjonijiet ta' *filming* fil-lokalita' taghna. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu donazzjoni minghand din il-kumpanija.

69.8.34 E-mail minghand l-Awtorita' Maltija tat-Turizmu intitolata 'Calendar of Events'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.35 Cirkulari numru 039/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EUCF Webinar'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.36 Cirkulari numru 041/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ftehim Bus Shelters May 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.37 E-mail minghand Mirabelle Dimech, rapprezentanta tal-Fondazzjoni Kaccaturi San Ubertu, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali Maltin u Ghawdxin dwar esebizzjoni li ser tittella' f'dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ dan. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.8.38 E-mail minghand Jessica Rae Bonello li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni tal-Kuncert muzikali 'Sempre Vivo' li ser jittella' fi Pjazza il-Vitorja nhar il-Gimgha 11 ta' Awwissu 2023.

Il-Kunsill accetta li jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 4,000.

69.8.39 E-mail minghand Rosemary Bajada ghan-nom tal-Ghaqda tan-Nar Xaghra li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' socjo-kulturali nhar is-Sibt 10 ta' Gunju 2023 fis-Sala tal-Kazin tal-Banda *Victory*.

Il-Kunsill accetta li jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 800.

**69.9 Ilmenti mir-residenti**

69.9.1 Talba mingħand Julian Agius ta' Triq Liberat Grech sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata ta' garaxx li ghandu fl-istess triq. Dan peress li t-triq hija dejqa u r-resident qed ikollu diffikulta' biex johrog il-vettura mill-garaxx jekk ikun hemm il-vetturi ipparkjati n-naha l-ohra tat-triq.

Il-Kunsill qabel li ghandna niccaraw din il-materja mar-resident qabel ma nghadduha ghall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

69.9.2 Talba minghand Sonia Xerri ta' Triq Kortoll sabiex isir *traffic management plan* ghall-ahhar parti ta' Triq Marga, wara li jitlestew ix-xoghlijiet ta' rikostruzzjoni li ghaddejjin bhalissa. Il-Kunsill qabel li ghandna niddiskutu din il-materja wara li jitlestew ix-xoghlijiet li qed isiru fil-prezent.

69.9.3 Talba minghand Joseph Xerri ta' Triq George Mc Adam sabiex jinqata' l-haxix u jsir it-tindif necessarju fil-Wied Ta' Gerxija. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

69.9.4 Talba minghand is-Superjur Joseph Mercieca sabiex jitnehha parti mid-*double yellow line* li hemm quddiem ir-residenza tieghu fi Triq it-Tigrija. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**69.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

69.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

69.10.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament, bl-eċċezzjoni tal-pagament lil *Agius Industrial Supplies Limited* fejn is-Sindku Aaron Agius astjena minħabba kunflitt ta' interess.

**69.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

69.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023 fil-librerija pubblika b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Aaron Agius**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**